

**Emenda 85****Davor Škrlec**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Simona Bonafè**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2015)0596 - C8-0385/2015 - 2015/0276(COD))

**A8-0029/2017****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 94/62/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**(2a) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu l-użu ta' miri ta' tnaqqis nazzjonali, kif ukoll restrizzjonijiet kummerċjali dment li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ġiet adottata dispożizzjoni identika fil-kuntest tal-aħħar emendar ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-basktijiet tal-plastik ħfief (ara l-Artikolu 4(1a)), peress li ċerti Stati Membri riedu jipprojbixxu l-użu ta' ċerti tipi ta' basktijiet tal-plastik. Naturalment, kwalunkwe miżura bħal din għandha tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja. Ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi limitata l-possibbiltà li jittieħdu taki azzjonijiet fir-rigward tal-basktijiet tal-plastik biss. L-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jillimitaw forom oħra ta' imballaġġ li jqisu ta' ħsara għall-ambjent - dment li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji. Dan id-dritt għandu jingħatalhom b'mod espliċitu għal kwalunkwe imballaġġ.*